# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa tnejn u sebgħin (72) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar l-Erbgħa, 27 ta' April, 2011 fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-7:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻATA | Grace Marie Mallia | Kunsillier |

1. Il-**laqgħa nżammet ġurnata wara li kienet skedata** għaliex nhar it-Tnejn, 25 ta' April, 2010, is-sindku hekk issuġġerixxa peress li kien hawn il-purċissjoni tal-kwaranturi li aktarx kienet tgħaddi minn quddiem il-bini tal-kunsill fl-istess ħinijiet. Għaldaqstant l-assenza ta' Grace Marie Mallia minn din il-laqgħa hija skużata għall-fatt li ġurnata qabel ma kienetx se tinżamm il-laqgħa tal-KLM, kellna nipposponuha.

2. Is-**sindku ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

3. Il-**minuti tas-seduta preċedenti** li kienu mgħoddija b'*e-mail* lill-kunsillieri wkoll nhar it-Tnejn, 25 ta' April 2011, kienu meħuda bħala moqrija. Dawn sarulhom il-korrezzjonijiet li jidhru fuq il-kopja oriġinali u li huma inizjalati mis-sindku u s-segretarju eżekuttiv, u kienu approvati u ffirmati.

**PUNTI MILL-MINUTI**

4. Dwar il-**mawra t'Għawdex** skedata għal nhar il-25 ta' Mejju 2011, bdew deħlin il-*bookings* u l-pubbliku diġà wera interess li jattendi minkejja li għadu xi ftit taż-żmien.

5. Għall-permess li ingħata mill-KLM sabiex is-**Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju**, torganizza **Festa Familja**, xi kunsillieri qalu illi dawn ukoll se jinkludu l-*Go-Carts*. Dan kien konfermat mis-sit elettroniku tagħhom li qed jippromwovi wkoll din id-dixxiplina sportiva f'din l-attività.

6. Intant is-**segretarju eżekuttiv ħareġ permess ieħor** ta' attività fl-istess ġurnata, jiġifieri fl-1 ta' Mejju 2011 fuq talba tal-**Każin tal-Futbol** viċin il-grawnd tal-futbol. Huwa fakkar li permessi bħal dawn ma jaħsbux biex dak li jkun jagħlaq parti mit-triq, iżda li juża' post pubbliku b'mod temporanju skond l-avviż legali għal divertiment pubbliku. L-arranġamenti tat-traffiku u l-għeluq tat-triqat u pjazez jibqa' f'idejn ir-responsabbiltà ta' *Transport Malta (TM)* u l-Pulizija rispettivament bil-permessi tagħhom. Madankollu id-deputat sindku talab lis-segretarju eżekuttiv sabiex jibgħat kopja tal-permess (tal-Każin tal-Futbol) lill-Ispettur tal-Għassa taż-Żurrieq. Intant is-sindku permezz ta' *e-mail* aktar kmieni din il-ġimgħa talab lill-kunsillieri sabiex il-KLM jirrikonoxxi l-impenn fost l-istess Każin tal-Futbol talli rnexxielhom jitilgħu fid-diviżjoni tal-*premier*, bl-għoti ta' *trophy* li se tkun preżentata dak in-nhar tal-attività mill-KLM. Għal dan il-ġest kien hemm qbil unanimu u dan se jinxtara mingħand *Horace Enterprises* minkejja li ma kienx inkluż fiċ-ċedola tal-pagamenti li kienet approvata fi tmiem is-seduta.

7. Is-sindku informa lill-KLM illi x-**xogħol ta' tħaffir** fil-Pjazza tal-Knisja issa tlesta għal kollox sabiex jiġu eliminati *wires* tal-elettriku li kienu qed jaqsmu l-pjazza. Hu qal li dawn il-*wires*

m'humiex kollha tal-Korporazzjoni Enemalta iżda wkoll tal-*GO plc* u l-*Melita plc*. Dwar dawn ix-xogħlijiet ta' tħaffir li saru l-ġimgħa li għaddiet, is-sindku żied jgħid illi kull ma fadal hu l-*cable* tal-*Melita* li jiġi mgħoddi minn taħt wiċċ it-triq. Tajjeb li jissemma li l-ħaddiema tal-*IPSL* tal-KLM għamlu xogħol ukoll taħt wiċċ il-bankini li kellhom jinqalgħu biex minn taħthom jisponta l-*cable* tal-Korporazzjoni Enemalta li issa tela' minn mal-faċċati ta' djar oħra. Dwar ir-*reinstatement* bil-*Hot Rolled Asphalt*, is-sindku qal li dan se jsir minn *Asfaltar Ltd* hekk kif ikun qed jagħti l-wiċċ ta' Triq it-Troll, Pal, Xriek u Mitħna fil-ġimgħat li ġejjin. F'dan il-punt is-segretarju eżekuttiv fakkar lis-sindku sabiex jindaga ftit fl-għoti tar-refużjoni lill-KLM mill-Korporazzjoni Enemalta f'dik li hija responsabilità li kien ħa l-KLM biex għalaq it-trinka tas-*sub station* fit-toroq Ċavi u Kileb. Dan minbarra r-refużjoni lill-KLM mingħand il-*GO plc* bit-trinka tal-pjazza abbinata ma' dan ix-xogħol tal-Korporazzjoni Enemalta.

8. Is-sindku fakkar lill-kunsillieri sabiex ikunu preżenti nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2011 għall-**Konferenza Stampa** li se jagħti mir-raħal tagħna **l-Onor Chris Said**, Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, dwar il-benefiċċju tal-kunsilli lokali mill-Miżura 313 tal-Ministeru tal-Iżvilupp Rurali, Aġenzija tal-Pagamenti abbinati ma' Fondi tal-Ewropa biex jitjieb l-ambjent rurali għal skopijiet ta' turiżmu. Din il-konferenza stampa se ssir fil-Ġnien tal-Mentna u s-sindku qal li se naraw jekk hux possibbli li dak in-nhar jinfetaħ il-Katakombi tal-Mentna minn *Heritage Malta*. Dan għaliex wara kollox l-iskop tal-investiment li se jsir f'ċentru tal-viżitaturi, hu propju l-istess Katakombi tal-Mentna. Tali konferenza tista' twassal biex ikollhom ukoll l-okkażjoni li jarawh diversi sindki li se jkunu preżenti.

9. Is-sindku ppropona illi jinqalgħu l-***bollards*** li twaħħlu ftit tal-ġimgħat ilu fi **Triq San Mikiel** biex flokhom jitpoġġew oħrajn li jistgħu jinħadmu mill-ħaddiema tal-*IPSL* li jkunu jinqaflu bil-katnazz. Dawn il-*bollards 'reclinable'* se jkunu jistgħu jiġu miftuħa biss mis-sidien tar-residenza bil-kunjom St John li għandhom aċċess għall-*garage* fl-istess triq. Il-bidla minn *bollards cannon type* għal dawn *reclinable* se ssir biex jintlaqa' l-ilment tal-istess familja St John li qed iħossuhom tqal biex jaqilgħuhom darbtejn kuljum biex idaħħlu /joħorġu l-vettura fil-*garage* tagħhom. Għaldaqstant se nerġgħu nikkuntattjaw is-*supplier* biex jew jieħu lura l-*bollards* li għadhom kemm twaħħlu u jirtira l-kont jew inkella nixtru bank (*park bench*) minflok, li żgur se nkunu nistgħu nagħmlu użu minnu xi mkien ieħor.

**AĠENDA**

10. L-**offerti pubbliċi** għal bieb tal-aħmar, sistema ta' dwal u *internet* fl-uffiċċju, *cctv cameras* fil-Pjazza tal-Knisja, dwal fl-Isptar il-Qadim u *computer* ġdid, li kienu proposti mill-KLM fuq rakkomandazzjoni tas-sindku ħmistax ilu, issa ħarġu fil-gazzetta tal-gvern (għaliex id-dipartiment dehrlu li ma jistax joħroġhom minħabba li kienet ix-xewqa tal-KLM illi jagħlqu fil-perjodu iqsar minn dak stipulat fit-*tender regulations*). Dan il-pass dwar ġranet inqas, kompla s-sindku, huwa minħabba li jekk jitwal iż-żmien, ma nkunux f'pożizzjoni li nlaħħqu mad-*deadline* fl-applikazzjoni li tgħalaq fit-13 ta' Mejju 2011 hekk li nitilfu ċ-ċans li niksbu fondi oħrajn. Is-sindku talab sabiex ikun preżenti xi ħadd mill-kunsillieri biex nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2011 fil-5:00pm ħalli jinfetħu dawn l-offerti pubbliċi. Dan għaliex wara jkun irid isir l-aġġudikar tagħhom, speċjalment dawk li jikkonċernaw il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ ħalli jkunu jistgħu jissottomettu d-dokument tagħhom fiż-żmien stipulat. Intant nhar id-29 ta' April, 2011, numru ta' *bidders* li xtraw l-offerta tad-dwal tal-Isptar il-Qadim se jkunu meħuda fis-sit mis-segretarju eżekuttiv sabiex jaraw illi dak li jkunu qed joffru joqgħod fil-ħaġar li hemm diġà imwaħħal apposta imqassma mal-fond kollu. Is-sindku issuġġerixxa illi l-kunsill jiltaqa' l-Ġimgħa, 6 ta' Mejju 2011 fil-Muniċipju biex isir l-aġġudikar tal-offerti. Charles Farrugia qal illi tajjeb li f'okkażjonijiet bħal dawn ikunu maħtura *chairman* u żewġ kunsillieri illi jkunu assenjati bl-aġġudikar tal-offerti wara li jkun tlesta r-rapport tal-espert

*(technical report).* Hawn issemmew is-segretarju eżekuttiv, Paul Spiteri, Grace Marie Mallia u s-sindku. Jekk Grace ma tkunx tista' tidħol, jidħol Nicholas Briffa jew Charles Farrugia.

11. Il-KLM iddiskuta l-attivitajiet ta' **Jum l-Imqabba 2011.** Hawn is-sindku qal li biex inżommu maż-żmien tal-applikazzjoni, l-attività l-Imqabba mal-Medda taż-Żmien 2011, ser tkun nhar is-7 ta' Ottubru, 2011, filwaqt li s-serata Ġieħ l-Imqabba 2011 tibda issir l-għada fit-8 ta' Ottubru, 2011 u l-Quddiesa ta' ringrazzjament issir nhar il-Ħadd, 9 ta' Ottubru, 2011. Hawn qam il-punt illi għall-Assemblea Lokali li ssoltu tinżamm għall-għaqdiet tar-raħal, tkun miftuħa għall-pubbliku wkoll, tieħu l-forma ta' **Laqgħa Pubblika tal-Lokalità**. Il-pjan hu li din tinżamm fil-Pjazza tal-Knisja taħt tinda. Madankollu qed ikun ikkunsidrat illi din ma ssirx fil-perjodu fejn fih ikun qed isiru l-preparamenti għas-serata Ġieħ l-Imqabba u l-attività kulturali, minħabba l-enerġija li jeħdulna dawn iż-żewġ attivitajiet. Is-segretarju eżekuttiv qal li jekk għal-laqgħa pubblika se jkunu mistiedna jipparteċipaw l-għaqdiet, importanti li l-pubbliku li jattendi, jingħata spazju li jitkellem, filwaqt li din tista' titressaq viċin l-aħħar tas-sena ħalli jkun qed jiġi ppreparat il-kunsill għall-Baġit 2012.

12. Id-diskussjoni kompliet bil-proposta tas-sindku illi l-**premju Ġieħ l-Imqabba** li ħadem il-Kunsillier Nicholas Briffa jinħadem fil-*bronze* u min jieħdu bħala rikonoxximent f'Ġieħ l-Imqabba jżommu għal perjodu ta' żmien u l-individwu jingħata għal kollox midalja xorta. Madankollu kien hemm proposta oħra ta' Nicholas Briffa sabiex dan jinkesa bid-deheb bl-idejn. Charles Farrugia qal illi jekk isir hekk dan m'għandux jingħata ħlief dak in-nhar biex jittieħed ritratt u l-abbozz li għandna lest fil-vetrina fil-*conference room* jingħata (għal kollox) lil min jistħoqqlu dan l-unur. Għal dan il-fatt Paul Spiteri qal li hu jħoss li għandna ngħollu l-prestiġju ta' dan il-premju billi dan jingħata lil persuna waħda biss kull sena. Hawn is-sindku qal li hu ma jaqbilx mal-fatt illi fir-regolamenti hemm li l-persuna jrid ikun magħrraf bin-nominazzjoni li tkun se titressaq fi ħdan il-KLM minn qabel. Hu qal li hawn nies umli fir-raħal li mhux qed jaċċettaw li jkunu nominati. Iżda din tqajjem problema oħra apparti is-*CV* (nieqsa) tal-persuna, illi dan jista' ma jitfaċċax f'każ li jiġi magħżul biex jieħu l-Ġieħ. Nicholas Briffa qal li matul is-snin sar avvanz għaliex hu jiftakar illi għal premju Anzjan Attiv Imqabba, fil-passat, kienu jinnominaw biss l-għaqdiet u l-poplu in ġenerali ma kienx ikollu dan iċ-ċans li jinnomina – xi ħaġa deskritta bħala deskriminatorja. Is-sindku semma wkoll l-inviti għas-serata Ġieħ l-Imqabba. Hu qal li kienet ħaġa sewwa illi neħħejna l-limitu ta' kemm għandhom jibagħtu nviti l-każini f'isimna. Hu qal ukoll illi għal din is-sena jaqbel illi nimxu mal-linja li ħa d-dipartiment u nistiednu d-deputati tad-distrett għal din is-serata. L-aħħar punt li ssemma minn Nicholas Briffa kien dwar il-bżonn li jħoss li għandna nagħtu tifkira żgħira lis-surmast tal-banda minkejja li l-banda titħallas tas-servizz. Għal dan is-suġġeriment kien hemm qbil unanimu.

13. Id-deputat sindku qal li jaħseb illi wasal iż-żmien illi jkun hemm ftit aktar azzjoni fil-Pjazza tal-Knisja waqt l-**Attività l-Imqabba mal-Medda taż-Żmien**. Hu kellu f'moħħu li tinħoloq kompetizzjoni bejn in-nies li hawn fostna jaħdmu fil-barrieri billi ssir wirja ta' kif jitgħabba l-kantun għal ġot-trakk. F'dan ir-*re-enactment* għandna noħolqu forma ta' kompetizzjoni bejn il-ħaddiema billi narmaw il-barriera fil-pjazza u naraw min jgħabbi trakk bi vjaġġ ġebel, fl-inqas ħin possibbli. Dan isir permezz ta' *conveyor belt* mit-triq għat-trakk billi l-ħaddiema jirrumblaw il-knaten skond is-sengħa. Hu qal li dan l-element ta' kompetizzjoni, jista' jkun ta' attrazzjoni unika. Hu issuġġerixxa wkoll illi tintrama l-Pjazza tal-Knisja kif kienet qabel ma nfetħet Triq Karmenu Ciantar. Dan jista' jsir b'xenarju reali imwaħħal fuq *scaffolding* kif isir ma' postijiet li jkunu qed jiġu restawrati b'*mega printed posters*. Hu qal li din trid tintrama fejn il-każin tal-Partit Laburista (għaliex din fil-passat kienet limitata sa dan il-punt), filwaqt li t-triq tingħalaq għat-traffiku u oħra fil-bidu ta' Triq il-Madonna tal-Ġilju.

14. Kienu approvati l-***audited financial statements*** bl-aġġustamenti li tagħna l-uditur *Grant Thornton* għas-sena 2010.

15. Kienet approvata ċ-**ċedola tal-pagamenti** numru 412.

**PUNTI OĦRA**

16. Noel Galea qal li wasal iż-żmien illi l-KLM jkollu sett ta' **barikati** bħal dawk tal-pulizija. Dawn niġu bżonnhom ħafna drabi matul is-sena. Hu wera abbozz lill-kunsillieri preżenti u dawn qablu unanimament li jiġu maħduma. Dawn se jsiru mil-ħaddiema tal-*IPSL*.

17. Noel Galea ippropona wkoll li l-ħaddiema tal-*IPSL* jibdew ikunu nvoluti fir-*reinstatement* fuq it-**trinek tal-ilma tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**. Huwa rrefera għall-kuntratt fejn dawn qed iħallsu lill-KLM tar-*reinstatement* permanenti. Is-sindku issuġġerixxa li l-ħaddiema tagħna jkunu fuq is-sit qabel ma jsir dak temporanju bil-*cold asphalt*. Il-problema ta' *settlement* ta' *reinstatement* ta' trinek ġejja minn bażi mhux tajba li ċċedi wara ċertu żmien. Għaldaqstant hu ssuġġerixxa illi l-ħaddiema tagħna jibdew jagħġnu it-torba fuq il-post bis-*cement* u din tintefa' fit-trinka kif isir bil-*lean mix*. Dan jista' jsir billi naħżnu ftit torba u nibdew nibagħtu l-ħaddiema tagħna mal-ħaddiema tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

18. Noel Galea irrefera għall-**pittura** li tatna Maria Tonna li ġiet fl-uffiċċju tiegħu il-bieraħ peress li kien laħaq ftiehem magħha biex tkun preżenti fil-laqgħa tal-KLM. Din l-għotja saret bħala ġest ta' rikonoxximent talli l-KLM qed iħalliha tgħallem it-tfal mill-propjetà tiegħu mingħajr ma jieħu xejn talli jintuża l-Isptar il-Qadim kif ukoll talli hija tħalliet ittella' wirja ta' pittura fl-istess fond. Is-sindku qara l-ittra datata ???? li kienet tirrifletti dan il-ħsieb.

19. Fi tmiem il-laqgħa saret referenza għat-**tħaffir mill-ġdid ta' tliet toqob tal-festa**. Waħda fis-*service road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija fejn Triq Mikelanġ Sapiano u tnejn oħra fejn il-Ġnien tal-Ġibjun.

20. Il-laqgħa ntemmet fid-8.45pm u li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta, 10 ta' Mejju, 2011 fis-6.30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*____/05 /2011 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |